# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 5 ta' Lulju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Paul Joseph Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Novembru 2009 - migjuba kontra:

Paul Joseph Mifsud ta' 27 sena iben Frank u Esther nee' Attard imwieled fit-13 ta' Frar 1970 u li joqghod 4, 'St. Joseph', Triq l-Isqof Pace, Mellieha detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 185790M

Billi akkuzat talli fid-29 ta' Mejju, 2008 ghall-habta ta' 2.30 p.m., fi Triq ta' Marsija, Mellieha, saq vettura nru GAU-581 (1) b'manjiera traskurata (2) u perikoluza (3) kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-

persuna ta' Neil Vella skond kif iccertifikaw Dr Nicholas J. Vassallo M.D. u Dr Antoine Camilleri M.D.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-4 ta' Frar, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali kienu s-segwenti:

1. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu GAU-581 fit-telgha ta' Triq ta' Marsija, il-Mellieha.
2. Fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm karozza tal-linja wieqfa, misjuqa minn Antoine Sant.
3. Malli l-imputat wasal f'tarf il-karozza tal-linja, hareg tifel minn wara tal-linja u gie fuq il-karozza tal-imputat u spicca mal-art. It-tifel qam u telaq jigri.
4. L-imputat waqqaf il-vettura tieghu fejn gara l-incident, u cempel lill-Ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha biex jirrapporta l-incident.
5. Il-Pulizija marru fuq il-post u PS 1061 Justin Zammit ghamel sketch. Minn dan l-isketch jirrizulta li mir-rota ta' quddiem in-naha tal-lemin tal-vettura ghal wara kien hemm brakemarks ta' 1.5 metri.
6. Irrizulta li t-tifel kien jismu Neil Vella u kellu sitt (6) snin, u instab fid-dar tal-genituri tieghu.

7. Dottor Nicholas Vassallo iccertifika illi *"Neil Vella is suffering from multiple abrasions and contusions secondary to an alleged motor vehicle accident. Neil has abrasions on the chin & (L) side of mouth and also on both elbows and both knees. It has trauma to the teeth with the right upper first incisor broken almost at its middle. All these injuries are slight unless complications arise – but Neil has to be assessed by dentist."*
8. Id-Dental Surgeon Dr. Antoine Camilleri xehed li meta ezamina lil Neil Vella, l-ghada tal-incident, *"sibtlu chipped central tooth in the front on the right. Li sibt wkoll li kellu cut zghira taht ix-xoffa ta' fuq u li kellu s-snin ftit tender on tapping ... ... (G)hamiltlu ftit resin filling bhala restoration u ghidtlu sort of jiekol kollox artab ghal ftit jiem. Imbaghad I saw him after about a week li kien diga qieghed tajjeb u kien diga healing. Imbaghad I saw him last January and he was also perfectly healed."* Huwa kklassifika l-feriti bhala minor injuries.

<u>Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita' ta' dak li qal l-Imputat fir-Rapport li ghamel lill-Pulizija</u>

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta d-dikjarazzjonijiet li ghamel l-imputat fir-rapport li ghamel lill-Pulizija, wara li sehh l-incident in dizamina, u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**. Il-Pulizija ma haditx stqarrija lill-imputat.

Pero' fil-kaz odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensuri tal-imputati ghamel diversi drabi riferenza ghal dak li qal l-imputat lill-Pulizija fir-rapport li ghamel *a tempo vergine* u dan sabiex jissostanzja t-tezi tad-difiza. Fid-dawl ta' dan il-fatt, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

**<u>Konsiderazzjonijiet fil-Meritu</u>**

F'dawn il-proceduri xehed il-*parte civile* Neil Vella li kellu sitt (6) snin meta sehh l-incident. Fid-data li fiha xehed kellu tminn (8) snin. Huwa xehed hekk *"Ghaddejt minn wara l-bus u imbaghad mort fuq il-bankina l-ohra nigri. Qbadt u qsamt bla ma harist u mort nigri. Imbaghad rajt il-karozza gejja u tajjritni."* Hu xehed ukoll li hu ma kienx ra l-karozza tal-imputat gejja. Mistoqsi minn din il-Qorti jekk meta hareg minn wara l-bus harigx jigri jew harigx bil-mod, Vella wieheb "Le, hrigt nigri."

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Johan Carter**, deciza fil-5 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Illi gie ritenut "in subiecta materia" illi l-"pedestrian", ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-"driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-"pedestrian" krejata lid-"driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J. Formosa",** Vol. XLIII. P. iv, p. 1023). F' sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g. <u>"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent</u> jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat" (App. Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J. Thornton** " Vol. XLV. P. iv, p. 920) jew meta <u>"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina</u> , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza." (App. Kriminali **"Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Vol. XLVI. P.iv., p.765). (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Mill-banda l-ohra pero gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emergency" meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.1968] ). Dan ghaliex f' kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn "self inflicted incapacity", effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.*

[1] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono

*Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"*** *(16.3.1961) ;* ***"Il-Pulizija vs. John Polidano"*** *[3.11.1963] ;* ***"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"*** *(XXXVII . p.iv. p.1131) u ohrajn. ) Dana ghaliex il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru . (Vol. XXXVIII, p.iv. p.883)*

Ikkonsidrat;

Illi f'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-pedestrian kien ferm imprudenti meta hareg jigri minn wara bus, minghajr ma hares lejn it-traffiku gej mill-karreggata l-ohra. Jirrizulta li hu kellu vizwali fit-tul ferm il fuq lejn minn fejn kienet gejja l-vettura tal-imputat u li kieku hares sew kien zgur jaraha gejja lejh. Invece hu ma ra xejn. Dan kien indikattiv ta' karenza assoluta ta' proper lookout da parti tal-pedestrian li ghalih ma hemm ebda spjegazzjoni, ghajr li ta' tifel li kien ta' sitt (6) snin qabad u qasam jigri minn wara l-karozza tal-linja, minghajr ma hares lejn it-traffiku gej min-naha l-ohra. Dawn in-nuqqasijiet tal-pedestrian zgur li kienu fatturi determinanti w l-kawza prossima tal-incident.

Mill-banda l-ohra ma jirrizulta ebda nuqqas fis-sewqan tal-appellant. Mill-brake marks li halliet il-vettura tieghu fl-art twal 1.5 metri, jidher li hu kien qed isuq b'velocita' prudenti ghal-lokalita' li kien fiha. Ma jirrizulta ebda nuqqas ta' proper lookout, ghax minkejja li *ex admissis*, it-tifel Neil Vella qabad u qasam jigri t-triq minn wara karozza tal-linja, u ovvjament hasad lill-imputat, l-imputat xorta kien pront ghafas il-brejk, u fil-fatt halla brake-mark ta' 1.5 metri. Il-fatt li brake-mark kien ta' 1.5 metri biss juri li l-imputat kien qed isuq b'velocita' prudenti ghal lokalita li kien fiha. Li kieku l-imputat kien qed isuq b'velocita' ikbar, u ma kienx pront ghafas il-brake malli lemah lit-tifel fit-triq, ma hemmx dubbju li t-tifel kien isoffri griehi hafna iktar gravi.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk dan hu kaz klassiku ta' emergenza subitanea krejata mill-pedestrian lix-xufier li ma kien jahti xejn ghall-incident lanqas b'mod kontributorju. Il-kawza prossima tal-incident kienet il-qsim inkonsult tal-pedestrian jigri minn wara karozza tal-linja, bla ma esplora tajjeb it-triq li kien ser jaqsam u b'mod li beda jaqsam meta mill-vicin tieghu kienet qed tersaq fuqu vettura.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**